# Santa Venera: Ġrajjiet u Tifkiriet

**Charles Coleiro Dip.Cult.H. (Krakow) MQR**

Ir-rabta tiegħi ma' Santa Venera u l-festa tmur lura fi żmien l-ewwel snin ta' tfuliti. Minn ċkuniti ġa kienet tinħass il-ġibda għall-festi tradizzjonali. Kelli mudell ta' knisja fil-minjatura u f'kull okkażjoni kont inżejjen u narmaha skont il-festi l-aktar favoriti tiegħi. Missieri kien jgħini nixtri l-vari tat-tafal, it-tiżjin għal fuq l-artal miksi b'karti irħamati biex jidher naturali. Niftakar darba waħda ħadni f'ras il-għajn nhar festa filgħodu fejn stajt nara għażla ta' figuri u ornamenti oħra għat-tiżjin tal-knisja tiegħi. Konna qbadna l-karozza tal-linja u waqafna qrib il-knisja ta' San Ġużepp fi Strada Rjali tal-Ħamrun kif stajt nifhem dak iż-żmien. Iżda ma kienx hekk. Qalli ġibtek Santa Venera fejn jintrama suq differenti minn dak ta' Fuq il-Monti. Ta' tifel li kont il-kelma Santa Venera ħsibt li kienet knisja msemmija għal qaddisa, iżda malajr intbaħt li sew il-qaddisa Venera u r-raħal kellhom l-istess isem. Imxejna fi triq b'niżla li ħaditna lejn wesgħat oħra minn fejn stajt nara l-knisja. Matul din il-mixja qasira missieri fissirli ħafif ħafif siltiet mill-ħajja tal-qaddisa sakemm waqafna quddiem ċorma nies iduru ma' xi bejjiegħa b'tilari mimlija b'vari żgħar tat-tafal, gandlieri taċ-ċomb, lampieri u artali. Stajt nara wkoll xi ġugarelli u mudelli ta' djar maħduma bl-arkett. Fost dan il-logħob għat-tfal ilmaħt dik li qaluli tissejjaħ żugraga "ta' billejl" b'faxex ta' kuluri li titqiegħed fl-art, tieħu l-istim u tibda ddur u tagħqad. Kelma żejda jekk ngħid li ma tlaqtx minn hemm b'idi vojta! L-aktar li għoġbuni kien sett ta' gandlieri taċ-ċomb li ridt inżid ma' oħrajn li kelli.

## Żjarat oħra

Sa hemm il-ġrajja tal-ewwel żjara fit-toroq ta' Santa Venera. Iżda rrid inżid li nixtieq nerġa' nara dik id-drawwa bl-element tal-folklor terġa' tieħu l-ħajja. Hi ħasra li t-toroq tal-festi qed jimtlew b'tilari oħra b'ġugarelli li jimitaw armamenti ta' gwerra ironikament murija waqt ċelebrazzjoni li tagħti ġieħ lill-qaddisin li fittxew il-paċi.

Dik il-mawra nhar il-festa ta' Santa Venera fetħitli sensiela ta' ġrajjiet

oħra b'rabta ma' avventuri li ltqajt magħhom meta bdejt nikber. Kont immur l-iskola fil-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani tal-Belt. Kelli sehem ukoll fil-kor tal-Bażilika fi żmien il-Pirjol Patri Romeo Grech u kont ukoll solista bħala *boy soprano,*b'vuċi sopranili. Darba waħda ħajjarni nkanta waqt l-ewwel quddiesa sollenni ta' patri, jekk niftakar sew, Patri Alexander Busuttil. Niftakar qisu lbieraħ ħaduni f'dik li kienu jsejħu knisja temporanja, ix-Chateau Lonz, Santa Venera u kantajt l-Ave Maria ta' Schubert. Għalija kienet esperjenza sabiħa, aktar u aktar meta ħadt b'id tant nies mal-kumpliment ta' ma nafx kemm-il "prosit!"

### Żjarat kulturali

Meta kbirt u bdejt nieħu interess fil-promozzjoni tal-Għana Malti u l-folklor ta' pajjiżna, kelli okkażjoni norganizza u nippreżenta serata tal-Għana fil-Ġnien Romeo Romano. Kien stedinni l-Ministru Danny Cremona li kellu l-Ministeru tal-Industrija u Agrikoltura u talabni biex nibdew jew inkomplu t-tradizzjoni meta f'Santa Venera kienet issir il-Wirja ta' Ħxejjex u Frott fuq skala iżgħar minn dik ta' Ġunju fil-Buskett u xi żmien ilu kienet tissejjaħ l-"Imnarja ż-Żgħira", iżda dik ta' Santa Venera ma kinetx issir fix-xahar ta' Ġunju. Ġara iżda li dik is-serata tal-Għana daħlet fil-programm nhar il-5 ta' Ġunju 1977 meta parti mill-ġonna kbar ta' Dar Iljuni ġiet inawgurata uffiċjalment u ssemmiet "Romeo Romano" għall-ħabib kbir tal-Ministru Cremona li qasam miegħu fehmiet u konvizzjonijiet fi ħdan l-istess partit politiku. Fid-dawra li l-pubbliku għamel seta' jintebaħ bħali l-wirt tal-Ordni tal-Kavallieri. Fuq in-naħa ta' wara ta' dan il-ġnien hemm bieb imżejjen bi trofew ta' skultura. Innutajna wkoll il-lapida tal-irħam b'kitba bil-Latin li bil-Malti tgħid "Fondazzjoni tal-Eminentissimu u Serenissimu Prinċep F.D. Antonio Manoel de Vilhena Gran Mastru."

Tifkira oħra li ħaditni fil-qalba ta' Santa Venera kienet is-sensiela "Forċina" li kont nipproduċi u nippreżenta fuq it-televiżjoni u darba minnhom fil-programmi ta' Lulju għażilt li nżur il-lokalità għall-festa. Minbarra l-*feature* dwar ir-raħal ridt ukoll nagħmel dawra mal-knisja l-ġdida hekk kif kienet qed tinbena. Fl-intervista mal-Perit Centorino tgħallimt kemm sar xogħol u b'liema ħeġġa l-Vendriżi kienu jħarsu 'l quddiem meta jaraw il-knisja lesta mill-bini.

### Aktar appuntamenti f'Santa Venera

Okkażjoni oħra li resqitni lejn Santa Venera kienet f'Ġunju tas-sena l-oħra bil-preżentazzjoni ta' Serata ta' Ġieħ lill-Gran Mastru Alof de Wignacourt fl-

isfond tal-proġett tal-Akkwadott li tah ismu. Ta' min ifakkar li l-arkata ta' Wignacourt li tgħaqqad l-Imrieħel ma' Santa Venera kienet iġġarrfet fi żmien l-aħħar gwerra. Din l-istess arkata reġgħet sabet postha fl-2016 wara diversi snin, proġett li ġie inawgurat ftit ġimgħat qabel din il-lejla ta' tifkira. Biex ikompli mal-istess arkata nsibu l-akkwedott li parti minnu għadda fis-sit fejn illum hemm Santa Venera. Miegħu hemm ġrajja ta' storja ta' kapolavur u ta' arti fil-wasla tiegħu sal-Belt Valletta.

Dawn il-ħoloq ta' ġrajjiet ikomplu mal-appuntament kull sena meta, minkejja festi oħra li jsiru fl-istess żmien ma' dik ta' Santa Venera, dejjem sibt u nittama li nibqa' nsib ftit ħin biex lejlet jew nhar il-festa niġi nżur il-knisja. Hi drawwa tiegħi wkoll li nagħmel dawra qasira mat-toroq tal-belt jew raħal u nfittex irkejjen u sqaqien li jagħtu identità partikulari fil-mixja tal-Istorja, il-folkor u l-ħajja ta' poplu. Mill-knisja l-qadima sal-knisja l-ġdida dejjem skoprejt li għad baqa' x'nitgħallem!


# RALPH INDUSTRIAL SUPPLIES

Sole Importers and Distributors for:



544, St. Joseph High Road,
St. Venera
Tel/Fax: 2123 9707
Mob: 9980 9249
ralphindsup@keyworld.net

*Battery chargers and starters, HSS and carbide blades, SPOT/MIG and ARC welding machines*